UNEP MAP RAC/SPA MEPA



# Gwida għas-Sajjieda Dwar l-Immaniġġjar tal-Fkieren tal-Baħar

Programm Ambjentali tal-Ġnus Magħquda
Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran – UNEP
Ċentru ta' Attività Reġjonali għal Żoni ta' Konservazzjoni Speċjali

# Gwida għas-Sajjieda Dwar l-Immaniġġjar tal-Fkieren tal-Baħar

Dokument imħejji minn

**Guido Gerosa & Monica Aureggi**
CHELON – Programm ta' Konservazzjoni u Riċerka fuq il-Fkieren tal-Baħar

EDITURI TEKNIĊI

| | |
|---|---|
| Tpinġija: | *Graziano Ottaviani* |
| Kontribut Tekniku: | *George Balazs*<br>*Luca Funes*<br>*Carola Vallini* |
| Maqlub għall-Malti: | *John Azzopardi* |
| Pubblikazzjoni: | *Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar* |
| Disinn: | *Guido Gerosa* |
| Stampat: | *Media Centre Print* |

ISBN: *99932-83-35-5*

## KELMTEJN TA' QABEL

Bħala sajjied fuq il-baħar żgur li ġieli qbadt xi fekruna tal-baħar bi żball. Kemm-il darba staqsejt lilek innifsek: Tgħid x'nista' nagħmel biex ngħin lil dan l-annimal?




L-għan ta' dan il-ktejjeb huwa biex jgħinek tkun taf x'għandek tagħmel jekk issib fekruna tal-baħar imħabbla fix-xbiek tiegħek jew maqbuda fil-konz. Kultant, uħud minn dawn il-fkieren ikunu jidhru mingħajr ħajja, filwaqt li oħrajn ikunu ħajjin u attivi. **Jista' jkun li fkieren li jidhru mejtin, fil-fatt ma jkunux mejtin iżda jkunu waqgħu f'koma, u jekk jintelqu lura fil-baħar f'dan l-istat, żgur li jgħerqu u jmutu**. Dan il-ktejjeb jgħidlek x'għandek tagħmel biex tevita l-imwiet bla bżonn tal-fkieren.

Żgur li taf li l-fkieren tal-baħar kollha jgawdu ħarsien sħiħ taħt il-liġijiet Maltin kif ukoll dawk internazzjonali. Ir-raġuni ewlenija li ħafna nies illum qed jieħdu interess kbir fil-ħarsien u l-kura ta' dawn l-annimali hija li dawn ir-rettili strambi tal-baħar qed jonqsu sewwa, u l-ibħra tagħna qed jiftaqru bl-għijbien tagħhom. Għalhekk jekk inti tiltaqa' ma' xi fekruna tal-baħar f'xi gwaj jew saram għandek tgħinha, filwaqt li jekk tkun ixxurtjat biżżejjed li tiltaqa' ma' fekruna tal-baħar f'saħħitha, għandek teħlisha mill-għawġ li tkun sabet ruħha fih u titlaqha lura fil-baħar mingħajr dewmien.

Sabiex titratta sewwa u bil-galbu dawn l-annimali, li jidhru daqshekk qawwija, segwi t-tagħrif f'dan il-ktejjeb, li dejjem għandek iżżomm abbord id-dgħajsa tiegħek.

Ma hawnx aħjar minnkom is-sajjieda biex tgħinu fil-ħarsien tal-fkieren tal-baħar, għax intom midħla sewwa tal-baħar, tifhmu l-baħar u l-ħlejjaq li jgħixu fih ferm aktar minn ħaddieħor, kif ukoll għandkom kuntatt dirett mal-baħar u għalhekk mal-fkieren tal-baħar. Ir-rispett u l-attenzjoni li għandkom lejn il-baħar u l-ħlejjaq tiegħu hija garanzija għal-għijxien tal-fkieren tal-baħar.

## ID F'ID MAX-XJENZA

Hemm ħafna proġetti ta' riċerka għaddejjin fil-Mediterran biex ikabbru t-tagħrif dwar il-fkieren tal-baħar, l-imġieba u l-ħajja tagħhom. Minbarra li x-xjenzjati jaħdmu id f'id mal-gvernijiet tal-pajjiżi tal-Mediterran, huma jitolbu l-għajnuna ta' dawk bħalkom li għandhom kuntatt mal-baħar u max-xtajtiet, li huma l-imkejjen fejn l-aktar li wieħed jista' jiltaqa' mal-fkieren tal-baħar. Sabiex tinagħta l-għajnuna meħtieġa lill-fkieren li jkunu ndarbu minħabba s-sajd jew xi ħidma oħra fuq il-baħar, inbnew bosta ċentri ta' salvataġġ u kura biex dawn il-fkieren ikunu jistgħu jiġu kkurati u mdewwija qabel jerġgħu jinħelsu b'saħħithom fil-baħar. Bis-saħħa tar-relazzjoni siewja li hemm bejn is-sajd u x-xjenza, huma ħafna s-sajjieda li qatgħuha li jaħdmu id f'id max-xjenzjati f'dawn il-proġetti ta' fejda u minħabba f'dan, ħafna fkieren inħelsu mill-mewt. Għaldaqstant, huwa ferm importanti li **l-fkieren li jinqabdu, sew jekk mejtin kif ukoll jekk midruba jinġiebu lura l-art, u jittieħdu fiċ-ċentru ta' kura li hemm fil-Forti San Luċjan, f'Marsaxlokk.**



Biex tgħin f'dan il-qasam ma hemmx għalfejn ikollok xi ħiliet partikulari. Kull ma trid hija rieda tajba u kull ma għandek bżonn tagħmel huwa li tikkuntatja lill-awtoritajiet konċernati li lokalment huma:

l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar [MEPA]:
**2290 6006/6008; 79496320; 9921 0404;**
Id-Dipartiment tas-Sajd: **2165 5525.**

Xi drabi tkun f'sitwazzjonijiet fejn ma' tistgħax tieħu parir u għalhekk tkun trid tiddeċidi x'ser tagħmel b'fekruna li għandek abbord biex tista' tirritorna fil-baħar kemm jista' jkun malajr. Dan il-ktejjeb gwida jgħidlek x'għandek tagħmel biex tieħu kura tajba tal-fekruna midruba sakemm tasal lura l-port u tgħaddiha f'idejn minn jista' jdewwiha biex tkun tista' terġa' tinħeles mill-aktar fis.



## ATTENT GHAL XI TAGS, TIKKETTI jew LAMETTI






Ħadd ma jaf sewwa kemm hawn fkieren jgħixu fil-Baħar Mediterran. Iżda x-xjenzjati huma tal-fehma li l-għadd tal-fkieren huwa baxx u qiegħed dejjem jonqos. Ħafna minnhom inqabdu kemm-il darba fuq xi konz jew xbiek. Uħud minn dawn iddewwew f'xi ċentru ta' kura u wara dehru fuq xi xtajta mrammla jbidu, filwaqt li oħrajn ma dehru qatt aktar. Iżda mhux faċli tagħraf fekruna minn oħra, lanqas meta tkun diġà rajtha qabel. Għalhekk ix-xjenzjati jużaw tikketti/tags/lametti tal-metall jew tal-plastik mqabbda mal-pali tal-fekruna. Dawn it-tags ikun fihom numru u indirizz minquxin fuqhom, u jservu biex fekruna tingħaraf minn oħra. Għalhekk huwa ferm importanti li tifli sewwa kull fekruna li tiġi f'idejk biex tara jekk għandiex xi tag jew lametta bħal dawn fuq il-pali ta' wara jew ta' quddiem u jekk issib xi waħda minn dawn:



- M'għandek qatt tneħħi dawn il-lametti/tags minn fuq il-fekruna;
- Għandek tieħu nota tan-numru u l-indirizz li jidhru fuq il-lametta/tag;
- Għandek tieħu nota tad-data u l-post fejn sibt il-fekruna, kif ukoll nota fuq jekk il-fekruna kienetx f'saħħitha, midruba, jew mejta.

Dan it-tagħrif kollu fuq imsemmi, flimkien ma' ismek u l-indirizz tiegħek, għandhom jintbagħatu lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar [MEPA], fl-indirizz:

MEPA, Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent,
Taqsima għall-Ħarsien tan-Natura, St. Francis Ravelin.
FLORIANA, CMR 02.

## KIF TUŻA DAN IL-KTEJJEB

Il-**Gwida għas-Sajjieda dwar l-immaniġġjar tal-Fkieren tal-Baħar** fiha tagħrif ħafif u sempliċi li jurik u li jgħinek biex tieħu kura tal-fkieren tal-baħar li setgħu tħabblu fix-xbieki jew fil-konzijiet tiegħek.

Dan il-ktejjeb fih daħla, tagħrif ġenerali fuq iċ-ċiklu tal-ħajja u l-ħarsien tal-fkieren tal-baħar, kif ukoll taqsima li tinkludi paġni b'tagħrif aktar dettaljat dwar il-metodi tas-sajd, dwar kif tiċċekkja il-kundizzjoni li tkun tinsab fiha l-fekruna, kif ukoll taqsima dwar il-metodu ta' kif tgħin il-fekruna tirpilja. Fl-aħħar paġni tal-ktejjeb hemm glossarju tal-kliem tekniku, u spazju fejn tista' tikteb indirizzi, numri tat-telefon, u xi notamenti oħra.

Meta jkollok fekruna abbord, tista' faċilment tħares lejn it-tpinġijiet fil-paġni u b'hekk ikun eħfef għalik biex tkun taf x'għandek tagħmel. Biex tuża dan il-ktejjeb, sib il-paġna li turi l-metodu tas-sajd tiegħek u segwi l-istruzzjonijiet u t-tpinġijiet mogħtija. Minħabba li l-fkieren tal-baħar huma annimali delikati u li mhux dejjem faċli timmaniġġjahom, int mitlub taqra t-tagħrif bir-reqqa qabel tieħu azzjoni.



*Dan il-ktejjeb fih ġabra ta' siltiet minn xogħlijiet ippubblikati, kif ukoll tagħrif, esperjenzi, u opinjonijet minn għand esperti tal-fkieren tal-baħar.*




**Iċ-ċiklu tal-ħajja tal-Fekruna tal-Baħar**

**L-ispeċi tal-fkieren tal-Baħar tal-Mediterran**

**Theddid ewlieni**

**It-tagħmir tas-sajd li l-aktar li huwa ta' xkiel għall-Fkieren tal-Baħar**

**Konzijiet**

**Konzijiet**

**Xbieki tat-tkarkir**

**Pariti**

**Kif tiċċekkja il-kundizzjoni tal-fekruna**

**Teknika ta' kif tirpilja l-fekruna**

## IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA TAL-FEKRUNA TAL-BAĦAR



Minkejja li l-fkieren tal-baħar iqattgħu kważi ħajjithom kollha fil-baħar, huma xorta għandhom bżonn l-art biex ibejtu.

Hekk kif jofsqu, il-frieħ tal-fekruna jerħulha dritt għall-baħar. Huma verament ftit minnhom li jirnexxilhom jaslu sa l-istat ġovenili, u sakemm jikbru sewwa huma jżommu l-aktar f'wiċċ il-baħar. Il-fkieren tal-baħar jieħdu bejn 15 u 50 sena biex jimmaturaw biżżejjed u jitgħammru. Meta jilħqu dan l-istat huma jerġgħu lura lejn ix-xtajtiet imrammla fejn twieldu. In-nisa jitilgħu fuq ix-xatt fejn iħaffru ħofra fir-ramel u fiha jbidu madwar 100 bajda. Wara inkubazzjoni ta' bejn 50 u 70 jum, il-bajd ifaqqsu u l-frieħ joħorġu mill-bejta mal-lejl u jerħulha dritt għall-baħar kemm jista' jkun malajr, sakemm ma' jsibux xi xkiel li jtellifhom.

## L-Speċi tal-Fkieren tal-Baħar tal-Mediterran









**Il-Fekruna tal-Baħar Komuni**
Loggerhead Turtle
*Caretta caretta*
Tul tal-qoxra tad-dahar: sa 99 ċm
Piż: sa 105 kg







**Il-Fekruna tal-Baħar il-Ħadra**
Green Turtle
*Chelonia mydas*
Tul tal-qoxra tad-dahar: sa 105 ċm
Piż: sa 180 kg



**Il-Fekruna tal-Baħar is-Sewda**
Leatherback Turtle
*Dermochelys coriacea*
Tul tal-qoxra tad-dahar: sa 256 ċm
Piż: sa 916 kg

## Theddid Ewlieni




Il-fkieren tal-baħar dehru fid-dinja madwar 110 miljun sena ilu. Iżda f'dawn l-aħħar 50 sena, it-tfixkil mill-bniedem wassal lil dawn ir-rettili f'xifer l-għajbien tagħhom.



## IT-TAGĦMIR TAS-SAJD L-AKTAR LI HUWA TA' XKIEL GĦALL-FKIEREN TAL-BAĦAR





### KONZIJIET

Il-konz huwa magħmul minn fergħa lenza ewlenija, li tista' tkun twila sewwa, li minnha joħorġu għadd ta' fergħat iqsar, imsejħa brazzoli, kull waħda minnhom mgħammra b'sunnara fit-tarf tagħha, bil-lixka jew minajrha. Hawn żewġ tipi ewlenin ta' konzijiet: dawk li jintramaw fil-wiċċ tal-baħar u dawk li jkunu fil-qiegħ. Il-sajd bil-konz huwa metodu passiv u jiddependi fuq il-ħut li jinzerta jaqbad miegħu.

### XBIEKI TAT-TKARKIR

Ix-xibka tat-tkarkir hija xibka kbira f'għamla ta' lembut li tinżamm miftuħa permezz ta' twavel ta' l-injam. Minħabba t-toqol, din ix-xibka titħaddem minn bastiment b'saħħtu, ġieli tnejn, wieħed f'kull tarf. Is-sajd bix-xibka tat-tkarkir huwa metodu attiv u dirett, li permezz tiegħu x-xibka titħalla titkarkar ma' qiegħ il-baħar u fiha jinqabdu kull xorta ta' ħlejjaq li jinzertaw quddiemha.

### PARITI

Il-parit huwa xibka wieqfa li tintrama biex tinblokka medda kbira ta' baħar. Kull ħuta jew ħlejqa oħra akbar mit-toqob tax-xibka tinqabad fiha. Is-sajd bil-parit huwa metodu passiv u jiddependi fuq il-ħut li jipprova jgħaddi minn ġewwa fih. Ħafna drabi l-fkieren tal-baħar jitħabblu fil-pariti meta huma jmorru għall-ħut li jkun diġà hemm maqbud fih.

## IL-KONZIJIET

Int u tiġbor l-konz, u jekk hu possibbli anki qabel, ifli sewwa l-konz fil-bogħod kemm jista' jkun biex tilmaħ minn kmieni xi fekruna li jista' jkun hemm maqbuda fih.

Jekk tintebaħ li hemm fekruna:
• Naqqas il-ħeffa tad-dgħajsa kif ukoll id-dawran tal-winċ;
• Immanuvra d-dgħajsa lejn il-fekruna;
• Taffi l-ġibda fuq il-konz u fuq il-brazzol fejn hemm il-fekruna.

Ladarba tilħaq il-brazzol bil-fekruna mwaħħla miegħu, mewwet il-mutur tad-dgħajsa u b'idejk iġbed il-fekruna għal matul id-dgħajsa.



**Jekk il-fekruna tkun MEJTA**

- Għandek tkun ċert li l-fekruna hija mejta billi tara jekk din turi xi sinjal ta' ħajja u ara parti t'isfel: Jekk il-fekruna mhix titħarrek;
- L-aħjar li tagħmel huwa li ġġib il-fekruna lura l-art, u mbagħad tgħaddiha lill-Awtoritajiet imsemmija [L-Awtorità ta' Malta dwar L-Ambjent u L-Ippjanar [MEPA]: **2290 6006/6008; 79496320; 9921 0404;** Id-Dipartiment Tas-Sajd: **2165 5525].** Ma għandekx tneħħi xi snanar jew biċċiet mill-konz li tkun tħabblet fihom il-fekruna. Jekk tkun sejjer iddum aktar minn ġurnata sakemm tasal l-art, għandek tpoġġi l-fekruna ġo freezer jew fridge;
- Jekk mhux possibbli li żżomm il-fekruna mejta abbord, allura neħħi l-biċċiet tal-konz u s-snanar minn mal-ġisem biex ma jkunux ta' ħsara għall-ħlejjaq oħra, u erġa' ixħetha lura l-baħar.



**Jekk il-fekruna hija kbira wisq biex tittella' abbord u tkun sejra terġa' tinħeles**



- Waqqaf id-dgħajsa;
- Jekk il-fekruna tkun imħabbla biss fil-konz, aqta' l-lenza biex teħlisha;
- Jekk għandha sunnara li tintlaħaq, aqta' l-lenza kemm jista' jkun qrib il-ħolqa tas-sunnara;
- Jekk il-fekruna tkun belgħet is-sunnara, aqta' l-lenza kemm jista' jkun qrib il-munqar tal-fekruna;
- Ħu ħsieb tara li l-fekruna tbiegħdet minnek mingħajr tbatija qabel terġa' tqabbad il-mutur;
- Jekk il-fekruna tkun sejra tittieħed l-art għall-kura, ħalli l-lenza marbuta mas-sunnara twila kemm jista' jkun biex b'hekk ikun aktar faċli li titneħħa s-sunnara, meta l-fekruna tiġi operata.

**Jekk il-fekruna tista' tittella' abbord**



Uża xibka biex tgħinek ittellagħha jew aqbadha minn kull ġenb tal-qoxra u qandilha abbord. Qatt ma għandek tiġbidha mil-lenza tas-sunnara stess, jew tagħmel użu minn xi għodod bil-ponta jew ganċijiet biex ittellagħha abbord.

Wara li tkun iċċekkjajt il-kundizzjoni tal-fekruna [ara  ] segwi dawn il-passi:

**Jekk il-fekruna MHIX TITĦARREK**

żomm il-fekruna abbord u:

- Qiegħdha f'post għad-dell u mwarrab;
- Għolli l-parti ta' wara tal-fekruna madwar 20 ċm 'l fuq mill-art billi tqiegħed xi oġġett taħtha;
- Żomm il-fekruna niedja permezz ta' xugaman imxarrab, mingħajr ma tgħattilha mnifsejha. Qatt tqiegħed il-fekruna ġewwa reċipjent bl-ilma.
- Irrepeti l-proċeduri ta' l-irpiljar [ara  ] kull sagħtejn sakemm il-fekruna tibda tirrispondi, imqar għall-wieħed mis-sinjali, u ibqa' għamel dan sa 24 siegħa;
- Jekk il-fekruna tirrispondi għal xi waħda minn dawn il-proċeduri, ifisser li hija **MIDRUBA**. Ħalliha abbord u segwi t-tagħrif li jingħata fil-paġna li jmiss;
- Jekk sa 24 siegħa ma titħarrek xejn, allura tista' titqies **MEJTA**.



## IL-KONZIJIET

**Jekk il-fekruna hija F'SAHHITHA jew MIDRUBA imma fuq taghha**



- Jekk il-fekruna hija mħabbla fil-lenza, uża mqass tajjeb biex taqta' l-lenza  u teħlisha; u



- Jekk għandha sunnara fuq barra, fuq ġisimha jew mal-munqar u s-sieq tas-sunnara tintlaħaq, dawwar is-sunnara biex tikxef il-ganċ u aqtgħu permezz ta' mqass tajjeb, u mbagħad neħħi l-biċċa l-oħra tas-sunnara.

Ogħqod attent biex il-fekruna ma tigdmekx;





- Jekk is-sieq tas-sunnara hija moħbija, aqta' llenza qrib kemm jista' jkun tal-ħolqa tas-sunnara, fl-istess ħin żomm il-lenza xi ftit stirata waqt li qed tagħmel dan.  Ogħqod attent biex il-fekruna ma tigdmekx.



Eħles il-fekruna lura fil-baħar bil-mod, b'rasha 'l quddiem, minn naħa tal-poppa:

- Bil-mutur tad-dgħajsa mitfi jew kważi mejjet għal kollox;
- Mingħajr ma twaqqa' l-fekruna fuq il-gverta.



### SUĠĠERIMENT



- Jekk iżżomm tagħrif tal-ġurnata abbord [log book], tinsiex tniżżel it-tagħrif dwar il-fekruna maqbuda;
- Dejjem ħares il-provedimenti tal-liġi li għandha x'taqsam ma' din ix-xorta ta' sajd;

Jekk tista', jkun aħjar li tagħti l-fekruna lill-awtoritajiet imsemmija hawn taħt:

l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:
**2290 6006/6008;  79496320; 9921 0404;**
Id-Dipartiment tas-Sajd: **2165 5525.**

## TKARKIR

- Hekk kif ittella' x-xibka abbord, ara tilmaħx il-fekruna fil-qiegħ tax-xibka;
- Dejjem għandek tniżżel ix-xibka fuq il-gverta qabel tbattalha u mhux tbattalha mill-għoli;
- Warrab il-fekruna għaliha mill-bqija tal-qabda.



Wara li tkun iċċekkjajt il-kundizzjoni tal-fekruna [ara  ] segwi dawn il-passi:

### Jekk il-fekruna tkun F'SAĦĦITHA jew MIDRUBA iżda fuq taghha



Eħles il-fekruna lura fil-baħar bil-mod, b'rasha 'l quddiem, minn naħa tal-poppa:

- Bil-mutur tad-dgħajsa mitfi jew kważi mejjet;
- Wara li tkun tellgħajt ix-xibka kollha abbord;
- Mingħajr ma twaqqa l-fekruna fuq il-gverta.



### Jekk il-fekruna MA TKUNX TITĦARREK

Żomm il-fekruna abbord u:

- Qiegħdha f'post għad-dell u mwarrab;
- Għolli l-parti ta' wara tal-fekruna madwar 20 ċm 'l fuq mill-art billi tqiegħed oġġett taħtha;
- Żomm il-fekruna niedja permezz ta' xugaman imxarrab, mingħajr ma tgħattilha mnifsejha. Qatt ma għandek tqiegħed il-fekruna ġewwa reċipjent bl-ilma;
- Irrepeti dawn il-proċeduri ta' l-irpiljar [ara  ] kull sagħtejn sakemm il-fekruna tibda tirrispondi, imqar għall-wieħed mis-sinjali. Dan għandu jibqa' jsir sa 24 siegħa;
- Jekk il-fekruna tirrispondi mqar għal xi waħda minn dawn il-proċeduri, ifisser li hija MIDRUBA. Ħalliha abbord għal ftit siegħat qabel teħlisha lura fil-baħar;
- Jekk sa 24 siegħa ma titħarrek xejn, allura il-fekruna tista' titqis li hija MEJTA.



### Jekk il-fekruna tkun MEJTA

- L-aħjar li tagħmel huwa li ġġib il-fekruna lura l-art, imma jekk tkun ser iddum ma tasal l-art, għandek tqiegħed il-fekruna ġewwa freezer, u mbagħad tgħaddiha lill-Awtoritajiet:
  L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:
  **2290 6006/6008; 79496320; 9921 0404;**
  Id-Dipartiment tas-Sajd: **2165 5525.**
- Jekk mhux possibbli li żżomm il-fekruna mejta abbord, allura erġa' ixħetha lura fil-baħar.

## SUĠĠERIMENT

- Jekk iżżomm tagħrif tal-ġurnata abbord [log book], niżżel it-tagħrif dwar il-fekruna maqbuda;
- Dejjem ħares il-provvedimenti tal-liġi li għandha x'taqsam ma' din ix-xorta ta' sajd;
- Qatt ma għandek tuża t-tkarkir qrib tax-xtajtiet fejn ibidu l-fkieren, l-aktar fl-istaġun tal-bejta, jiġifieri bejn Ġunju u Settembru.
- Fejn taf li hemm il-fkieren, ma għandekx tuża t-tkarkir għal aktar minn 90 minuta kull darba.



## PARITI

- Ifli sewwa l-parit fil-bogħod kemm jista' jkun biex tilmaħ minn kmieni xi fekruna li tista' tkun maqbuda fih;
- Jekk tintebaħ li hemm xi fekruna, naqqas id-dawran tal-winċ u tella' x-xibka bil-galbu.



**Jekk il-fekruna hi kbira wisq biex ittellagħha abbord**

- Waqqaf il-bastiment;
- Naqqas il-ġibda fuq ix-xibka u bil-galbu eħles il-fekruna. Jekk ikun meħtieġ, uża mqass tajjeb biex taqta' x-xbiek;
- Ħu ħsieb tara li l-fekruna tbiegħdet minnek mingħajr tbatija qabel terġa' tqabbad il-mutur.

**Jekk tista' ittella' il-fekruna abbord**



- Bil-galbu eħles il-fekruna mix-xbiek. Jekk ikun meħtieġ, uża mqass tajjeb biex taqta' x-xibka;
- Aqbad il-fekruna minn kull ġenb tal-qoxra u qandilha abbord. Qatt ma għandek tagħmel użu minn xi għodod bil-ponta jew ganċijiet biex ittellagħha abbord.



Wara li tkun iċċekkjajt [ara  ] il kundizzjoni tal-fekruna, segwi dawn il-passi:

**Jekk il-fekruna hija F'SAHHITHA jew MIDRUBA iżda fuq tagħha**



Eħles il-fekruna lura fil-baħar bil-mod, b'rasha 'l quddiem, minn naħa tal-poppa:

- Bil-mutur tad-dgħajsa mitfi jew kważi mejjet;
- Wara li tkun tallajt il-parit abbord;
- Mingħajr ma twaqqa' l-fekruna fuq il-gverta.

**Jekk il-fekruna MHIX TITHARREK**

Żomm il-fekruna abbord u:

- Qiegħdha f'post għad-dell u mwarrab;
- Għolli l-parti ta' wara tal-fekruna madwar 20 ċm 'l fuq mill-art billi tqiegħed oġġett taħtha;
- Żomm il-fekruna niedja permezz ta' xugaman imxarrab, mingħajr ma tgħattilha mnifsejha;
- Qatt ma għandek tqiegħed il-fekruna ġewwa reċipjent bl-ilma;
- Irrepeti dawn il-proċeduri ta' l-irpiljar [ara  ] kull sagħtejn sakemm il-fekruna tibda' tirrispondi, imqar għall-wieħed mis-sinjali u ibqa' għamel dan sa 24 siegħa;
- Jekk il-fekruna tirrispondi mqar għal xi waħda minn dawn il-proċeduri, ifisser li hija MIDRUBA. Din għandha titħalla abbord għal ftit siegħat qabel tinħeles lura fil-baħar;
- Jekk sa 24 siegħa ma titħarrek xejn, allura il-fekruna tista' titqies li hija MEJTA.



**Jekk il-fekruna tkun MEJTA**

- L-aħjar li tagħmel huwa li ġġib il-fekruna lura l-art, u jekk tkun ser iddum ma tasal l-art, qiegħdha ġewwa freezer, u mbagħad għaddiha lill-Awtoritajiet imsemmija:

  l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: **2290 6006/6008; 79496320; 9921 0404;** Id-Dipartiment tas-Sajd: **2165 5525;**
- Jekk mhux possibbli li żżomm il-fekruna mejta abbord, allura erġa' ixħetha lura l-baħar.



## SUĠĠERIMENT

- Jekk iżżomm tagħrif tal-ġurnata abbord [Log books], niżżel it-tagħrif dwar il-fekruna maqbuda;
- Dejjem ħares il-provedimenti tal-liġi li għandha x'taqsam ma' din ix-xorta ta' sajd;
- Qatt ma għandek tuża l-parit qrib tax-xtajtiet fejn ibidu l-fkieren, l-aktar fl-istaġun tal-bejta, jiġifieri bejn Ĺunju u Settembru.

## Kif tiċċekkja l-kundizzjoni li tinsab fiha l-fekruna

Biex jgħinuk tagħraf jekk il-fekruna hiex f'saħħitha, midruba, jew mejta [ara ] tista' tagħmel dan li ġej:





Meta terfa' l-fekruna mill-art, u din tagħmel movimenti bħallikieku qed tgħum u żżomm rasha u l-pali 'l fuq … F'SAĦĦITHA



Meta terfa' l-fekruna mill-art, u din ma tagħmel l-ebda moviment b'rasha jew bil-pali iżda żżommhom imdendlin l-isfel



Jekk il-fekruna tirrispondi, imqar ftit meta tuża it-teknika ta' l-irpiljar [ara ] MIDRUBA

Jekk il-fekruna ma titħarrek xejn, u m'hemm l-ebda movement jew sinjal għall-metodi spjegati għat-teknika ta' l-irpiljar [ara ] MHIX ATTIVA

### FEKRUNA F'SAĦĦITHA

- Il-fekruna terfa' rasha 'l fuq meta tieħu n-nifs;
- Jekk tiġbdilha l-pala bil-mod, tiġbidha lura bis-saħħa;
- Jekk isserraħha ma' l-art jew fuq il-gverta, il-fekruna tipprova titkaxkar jew timxi.

### FEKRUNA MIDRUBA

- Il-fekruna żżomm rasha u l-pali mdendlin l-isfel jew tagħmel movimenti mhux normali jew bla kontroll;
- Bil-metodi spjegati l-fekruna titħarrek ftit li xejn;
- Jekk tiġbdilha l-pala bil-mod jew tafsilha għonqa bil-mod, ma tinħasadx u ma tinġibidx lura, jew turi sinjali batuti.

**ATTENT**: Jekk issib fekruna li laħamha beda jitħassar u jinten, din żgur li tkun MEJTA

### FEKRUNA MHIX ATTIVA

- Jekk il-metodi spjegati fit-teknika ta' l-irpiljar [ara ] ma jipproduċu l-ebda sinjal;
- Jekk tiġbdilha l-pala bil-mod jew tafsilha għonqa bil-mod, ma tinħasadx u lanqas ma tinġibed lura ;
- Il-fekruna ma tippruvax titkaxkar meta tqegħdha ma' l-art.



## IL-METODI TAT-TEKNIKA TA' L-IRPILJAR

**Biex iġġib fekruna f'sensiha**



Filwaqt li żżomm il-fekruna b'id fuq kull ġenb tal-qoxra, erfa' naħa xi 10 ċm, imbagħad l-oħra u bandal il-fekruna bil-galbu mix-xellug għal-lemin u mil-lemin għax-xellug



**SUĠĠERIMENT META TUŻA DIN IT-TEKNIKA**

- Waqt l-użu ta' din it-teknika, żomm għajnejk fuq il-fekruna u żommha sewwa u ħarrikha bil-galbu biex ma tweġġahiex jew tagħmlilha aktar ħsara

- Ma għandekx tuża din it-teknika aktar minn darbtejn wara xulxin f'ħin qasir. F'każ ta' dubju u jekk il-fekruna ma tidhirx tagħmel xi moviment, irrepeti din it-teknika xi għaxar minuti wara l-ewwel darba.



## IT-TEKNIKA TAL-IRPILJAR

**Reazzjoni ta' l-għajn**



Meta tmissilha bil-mod, għajnejha jew l-għatu ta' l-għajn ta' fuq b'subgħajk, il-fekruna tirrispondi billi tagħlaq għajnejha.

**Reazzjoni tal-kloaka**



Meta toqros ħafif b'subgħajk il-kloaka, il-fekruna tinġibed jew tħarrek denbha laġenba.





## Glossarju

**Adulti:** Fkieren maturi li jkunu laħqu qies ta' madwar 60 il-ċm ( fil-każ ta' Fekruna tal-Baħar Komuni), jew madwar 90 il-ċm (fil-każ ta' Fekruna l-Ħadra).

**Munqar:** Dik il-parti iebsa u b'saħħitha li tgħatti ħalq il-fekruna.

**Qoxra:** Dar il-fekruna magħmul minn qxur kustiljari jew fil-każ tal-Fekruna s-Sewda minn ġilda ħoxna.

**Kloaka:** Il-ftuħ tal-kanal ta' l-organi tat-tkattir [ġenitali] u ta' l-imsaren fil-warrani. Fil-każ tar-rettili hemm biss apertura waħda fil-warrani li sservi għaż-żewġ skopijiet.

**Koma:** Stat ta' telf tas-sensi li jdum fit-tul u li waqtu l-annimal jitlef il-funzjonijiet tal-moħħ, tal-muskoli, u tas-sensi, għalkemm id-demm jibqa' jiċċirkola u l-annimal jibqa' jieħu n-nifs.

**Awtorità Kompetenti:** L-Awtorità li tieħu ħsieb is-sajd jew dik li tieħu ħsieb il-ħarsien ta' l-ambjent. Fil-każ ta' Malta dawn huma d-Dipartiment tas-Sajd u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA):
L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:
**2290 6006/6008; 79496320; 9921 0404;**
id-Dipartiment tas-Sajd: **2165 5525.**

**Bejta:** Il-bejta tkun magħmula minn ħofra fir-ramel f'għamla ta' qanpiena li tkun bejn 40 u 50-il ċm fond u li fiha l-fekruna tbid il-bajd. Il-bajd jkun imsaħħan bix-xemx sa ma jfaqqas.

**Ċiklu tal-Ħajja:** Is-sekwenza ta' ġrajjiet minn meta individwu jitwieled sa meta jmut.

**Ġovanili:** Animal li għadu ma laħaqx l-istat ta' adult. Fkieren li bdew jieklu iżda għadhom ma laħqux il-maturità sesswali.



**Għijbien:** Meta xi speċi tgħib għal kollox mid-dinja.

**Pala:** Driegħ jew sieq tal-fekruna. Il-pali ta' quddiem huma ċċattjati mhux ħażin u tawwalin u l-fekruna tinqeda bihom biex taqdef 'il quddiem, filwaqt li dawk ta' wara huma iqsar u tużahom bħala tmun.

**Frieħ:** Fkieren tal-Baħar li għadhom kemm faqsu u ħarġu mill-bejta, jkunu għadhom fuq ix-xtajta jew fil-baħar, sakemm jibdew jieklu (tal-Fekruna tal-Baħar Komuni jkun fihom madwar 4 ċm;  dawk tal-Fekruna tal-Baħar il-Ħadra jkun fihom madwar 5 ċm).

**Inkubazzjoni:** Iż-żmien bejn meta l-fekruna tbid il-bajd u meta dawn ifaqqsu.

**Rettili:** Klassi ta' annimali li demmhom ikun aktar qrib it-temperatura tal-post fejn ikunu, mhux bħall-mammiferi li jżommu t-temperatura dejjem l-istess. Huma addattati sew għall-ħajja fuq l-art u li lkoll ibejtu fl-art. Tiġbor fiha l-gremxul, is-sriep, il-kukudrilli, il-fkieren ta' l-art u tal-baħar, u oħrajn bħalhom. Dawn l-annimali dehru fid-dinja madwar 270 miljun sena ilu.

**Ċentru ta' kura:** Post fejn il-fkieren tal-baħar jinżammu biex jiġu kkurati u mdewwija qabel jerġgħu jinħelsu fl-ambjent tagħhom.

**Qxur kustiljari:** Qxur li jgħatti d-dahar u ż-żaqq tal-fekruna. Dawn il-qxur ikunu ta' qies u għamla differenti mill-għadam ta' taħthom u x-xjenzjati jużawhom biex ikunu jistgħu jagħrfu aħjar speċi ta' fekruna minn oħra.

**Speċi:** Grupp ta' annimali simili, li jistgħu jitgħammru flimkien u jkollhom frieħ fertili.

**Tbid:** Il-proċess meta l-fekruna tiddeposita l-bajd ġol-ħofra li tkun għamlet fir-ramel.

**Theddid:** Kull xorta ta' periklu li jista' jolqot ħażin l-ispeċi.

## Numri tat-telefon utli:

| | |
|---|---|
| l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: | 2290 6006/6008; 79496320; 9921 0404 |
| Id-Dipartiment tas-Sajd: | 2165 5525 |

## Noti

*Maqlub goall-Malti mill-Awtorit□ ta□ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – 2006*
*u ppublikat bil-goajnuna ta□-□entru ta□ Attivit□ Re'jonali*
*goal □oni ta□ Konservazzjoni Spe□jali*

2001 RAC/SPA
Regional Activity Centre for Specially Protected Areas
Boulevard de l'Environnement, BP 337 - 1080 Tunis Cedex - Tunisia